MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Rikors Numru. 57/2001/1

Kummissarju ta' l-Art

vs

Dr Victor Scerri u l-PL Hilda Ellul Mercer nominati b'digriet tat-28 ta' Settembru, 2001, kuraturi deputati biex jirraprezentaw lil sid jew sidien incerti

Il-Bord,

Ra r-rikors tal-Kummissarju ta' l-Artipprezentat fid-19 ta' Novembru, 2001 fejn espona:

Illi l-intimati gew notifikati b'avviz ghall-Ftehim datat 28 ta' April, 2000,fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f'Birkirkara, tal-kejl ta' madwar 173 metri kwadri, li tminn minn Nofs in-Nhar u mix-Xlokk ma' Triq G.A. De Soldanis u mill-Majjistral ma' propjreta' ta' Joseph Debono huwa ta' disat' elef, seba mija u

sebghin Lira Maltija (Lm9,770), kif jidher mir-rapport tal-Perit Fredrick H Valentino A&C.E. tat-28 ta' Jannar, 2000, li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali datata 19 ta' Ottubru, 2001 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jagixxi minn floku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-preovvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)
Ra r-risposta pprezentata mill-intimati fejn esponew:

Illi permezz tal-prezenti Dr Victor Scerri u l-P.L. Hilda Ellul Mercer nominati b'digriet tat-28 ta' Settembru, 2001 kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil sid jew sidien incerti, filwaqt illi jaghmlu referenza ghall-Avviz ghall-Ftehim a rigward ix-xiri assolut bhala libera u franka tal-bicca art f'Birkirkara tal-kejl ta' mija u tlieta u sebghin metri kwadri (173mk), li tmiss minn Nofsinhar u mix-Xlokk ma' Triq G.A. De Soldanis u mill-Majjistral ma' proprjeta' ta' Joseph Debono, jgharrfuk illi stante li huma ma humiex a korrent ta' min huwa s-sid jew sidien ta' l-art imsemmija, huma ma humiex f'posizzjoni li jaccettaw il-kumpens minnkom offert u jirriservaw id-dritt li jaghtu s-somma u d-dettal tal-kumpens minnhom pretiz meta huma jkunu f'posizzjoni illi jivverifikaw mas-sid jew mas-sidien tal-art imsemmija, liema sid jew sidien huma prezentament ignoti lill-istess kuraturi.

Ra r-risposta ohra tal-kuraturi deputati fejn esponew illi:

Illi huma mhumiex edotti mill-fatti;

Illi huma ma jafux min huwa s-sid jew sidien tal-art imsemmija;

Illi huma ma humiex f'posizzjoni li jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut l-art imsemmija mir-rikorrent.

Ra li l-kuraturi gew notifikati skond il-ligi.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbal tas-27 ta' Settembru, 2004.

Ra d-digriet tieghu tas-7 ta' Dicembru, 2001 li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Joseph Mizzi u l-AIC David Pace li wara li hadu t-taghrif mehtieg – xhieda u access – waslu ghall-konkluzzjoni a tenur tal-Kap 88 li l-art hija fabbrikabbli u li tiswa sebgha u ghoxrin elf u disa' mitt lira Maltija (Lm27,900). Din ir-relazzjoni ghadha taghmel parti shiha minn din is-sentenza.

Jordna favur ir-rikorrent it-trasferiment b'xiri assolut bhala libera u franka ta' bicca art f'Birkirkara tal-kejl ta' madwar 173 metri kwadri li tmiss minn Nofs in-Nhar u mix-Xlokk ma' Triq G.A. De Soldanis u mill-Majjistral ma' propjreta' ta' Joseph Debono bil-kumpens ta' sebgha u ghoxrin elf u disa' mitt lira Maltija (Lm27,900) skond pjanta mehmuza mal-Avviz ghall-Ftehim.

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew in-nutar li jkun qed jaghmilha floku biex jippubblika l-att relattiv fl-ufficcju tar-rikorrent fl-14 ta' Jannar, 2005 fl-10:00a.m. u jahtar lid-Dottoressa Daniele Mangion biex tidher fuq l-att ghall-kontumaci.

Fid-diskrezzjoni tieghu l-Bord jordna li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri u dawk tal-pubblikazzjoni ta' l-att jithallsu mir-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------